

Dwar in-Networks

Informazzjoni ġenerali dwar in-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali ("NĠE-ċivili") u l-funzjonament tiegħu f'kull Stat Membru tal-UE

1 X'inhun-NGE-ċivili?

L-Unjoni Ewropea għandha varjetà wiesgħa ta' ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, u din id-diversità, flimkien ma' leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni, wasslet għall-bżonn li tingħata għajnuna u informazzjoni permezz ta' network speċifiku lill-awtoritajiet li jkunu qed jitrattaw każijiet transfruntieri. Dawn il-każijiet jistgħu jkopru tilwim ta' negozju, tal-konsumaturi jew tal-impjegi, jew kwistjonijiet ta' divorzju, kustodja tat-tfal jew is-suċċessjoni. In-Network jgħorbi fi ħdanu l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-assistenza għall-qradi lokali, u twaqqaf biex jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja u legali bejn l-Istati Membri. In-NGE-ċivili twaqqaf permezz tad-[Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE](#) tat-28 ta' Mejju 2001 u beda jopera fl-1 ta' Diċembru 2002. Il-bażi legali ġiet immodifikata darba, fl-2009 ([il-verżjoni konsolidata tinsab hawnhekk](#)). Fin-NGE-ċivili jipparteċipaw l-Istati Membri kollha ħliet id-Danimarka.

2 L-għanijiet tan-NGE-ċivili

Sa mill-bidu tiegħu, in-NGE-ċivili kien strument importanti biex jipprovdi appoġġ fl-implimentazzjoni ta' strumenti tal-ġustizzja ċivili tal-UE fil-prattika ġuridika ta' kuljum. In-NGE-ċivili jiffaċilita u joffri sostenn lir-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali permezz ta' punti ta' kuntatt f'kull Stat Membru, u b'hekk jgħin biex il-każijiet transfruntieri jiġu ffaċilitati. Din il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet għandha l-għan li tagħti għajnuna lil nies involuti f'kawżi ġudizzjarji ċivili u kummerċjali transfruntieri.

3 Min huma l-membri tan-NGE-ċivili?

Hemm iktar minn 500 membru tan-Network, li jaqgħu taħt il-ħames kategoriji msemmija hawn taħt. Kull Stat Membru għandu minn tal-anqas punt ta' kuntatt wieħed.

In-Network hu magħmul minn

- punti ta' kuntatt innominati mill-Istati Membri;
- korpi u awtoritajiet ċentrali speċifikati fid-dritt tal-Unjoni, fi strumenti internazzjonali li l-Istati Membri huma partijiet fihom, jew fid-dritt domestiku li għandu x'jaqsam mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali;
- maġistrati ta' kollegament b'responsabilitajiet għal kooperazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali;
- awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi oħrajn responsabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-oqsma ċivili u kummerċjali li l-Istat Membru jkun iqis li s-sħubija tagħhom tkun utli;
- assoċjazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja li huma direttament involuti fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-istrumenti internazzjonali f'materji ċivili u kummerċjali fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri

Agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

■ L-aħħar aġġornament: 25/04/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.